*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Pekař u P. Mahnič, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/333 tal-5 ta' Marzu 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU 2018. L 63, p. 48) u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/326 tal-5 ta' Marzu 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU 2018, L 63, p. 5), sa fejn l-isem tar-rikorrent inżamm fil-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li għalihom japplikaw dawn il-miżuri restrittivi.

**Dispożittiv**

1) *Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/333 tal-5 ta' Marzu 2018 li temenda d -Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/326 tal-5 ta' Marzu 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna, huma annullati sa fejn l-isem ta' Sergej Arbuzov inżamm fil-lista ta' persuni, ta' entitajiet u ta' korpi li għalihom japplika dawn il-miżuri restrittivi.*

2) *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 249, 16.7.2018.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Lulju 2019 — Klyuyev vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-305/18)** (1)

***("Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina — Iffriżar ta' fondi — Lista tal-persuni, tal-entitajiet u tal-korpi li għalihom japplika l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi — Żamma ta' isem ir-rikorrent fil-lista — Obbligu tal-Kunsill li jivverifika li d-deċiżjoni ta' awtorità ta' Stat terz ittieħdet b'rispett tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva")***

(2019/C 295/36)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Andriy Klyuyev (Donetsk, l-Ukraina) (rappreżentanti: B. Kennelly, QC, J. Pobjoy, barrister, R. Gherson u T. Garner, solicitors)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Mahnič u A. Vitro, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/333 tal-5 ta' Marzu 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU 2018, L 63, p. 48), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/326 tal-5 ta' Marzu 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU 2018, L 63, p. 5), sa fejn isem ir-rikorrent inżamm fil-lista tal-persuni, tal-entitajiet u tal-korpi li għalihom japplikaw dawn il-miżuri restrittivi.

**Dispożittiv**

1) *Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/333 tal-5 ta' Marzu 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna, u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/326 tal-5 ta' Marzu 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna, huma annullati sa fejn isem Andriy Klyuyev inżamm fil-lista tal-persuni, tal-entitajiet u tal-korpi li għalihom japplikaw dawn il-miżuri restrittivi.*

2) *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn A. Klyuyev, inklużi l-ispejjeż marbuta mal-proċedura għal miżuri provviżorji.*

---

([1]) ĠU C 240, 9.7.2018.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Lulju 2019 — Wewi Mobile vs EUIPO (Fi Network)**

**(Kawża T-601/18)** ([1])

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea Fi Network — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001")***

(2019/C 295/37)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Wewi Mobile, SL (Villena, Spanja) (rappreżentanti: J. C. Erdozain López, L. Montoya Terán u J. Galán López, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Palmero Cabezas u H. O'Neill, aġenti)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Lulju 2018 (Każ R 1462/2017-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali Fi Network bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.